MALTA

# QORTI CIVILI

# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF

## ROBERT G MANGION

Seduta ta' l-10 ta' Dicembru, 2014

Rikors Numru. 15/2013/2

**A B**

**vs**

**C *sive* D B**

**Il-Qorti,**

**Preambolu.**

Rat ir-rikors tal-atturipprezentat fid-19 ta' Settembru 2014 li permezz tieghu ppremetta u talab is-segwenti:-

1. “Din il-kawza tinsab differita ghat-28 ta' Ottubru 2014; il-Perit Legali mahtur minn din l-Onorabbli Qorti, Dott. Mark Simiana LL.D., iffissa zewg seduti ghall-kontinwazzjoni tal-provi tal-konvenuta: 30 ta' Settembru 2014 fin-12.30 p.m.; u 10 ta' Ottubru 2014 f'12.00 p.m. Il-gbir tal-provi ghaldaqstant jinsab fi stadju avvanzat ferm; l-istanti jittama illi fl-udjenza tat-28 ta' Ottubru 2014 ikun jista' jinforma lil din l-Onorabbli Qorti li 1-istadju tal-gbir tal-provi jkun gie konkluz.

2. Il-kontendenti ilhom mifruda de facto sa mill-ll ta' April 2011.

3. Il-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-partijiet hija komposta mis-segwenti attiv u passiv:

(a) l-appartament, internament immarkat bin-numru tnejn {2}, sitwat fi blokk appartamenti esternament immarkat bin-numru mija u tlettax {113}, Tiq ir-Ratal, Ibragg: dan l-appartament huwa prezentement soggett ghal wieghda ta' bejgh. Mir-rikavat, il-konjugi B ftiehmu illi jissaldaw is-segwenti passiv illi bih hija mghobbija l-komunjoni tal-akkwisit: (i) is-self bankarju mahrug mill-Banif Bank (Malta) p.l.c.: (ii) il-kreditu dovut lil SAW Ltd. fir-rispett tal-ghamajjar gewwa d-dar matrimonjali; il-kreditu dovut lil Coleiro General Supplies Ltd. fir-rispett tal-installazzjoni ta' lift li jservi wkoll lid-dar matrimonjali; (iii) il-kreditu dovut lil ARMS Ltd. fir-rispett tal-konsum ta' ilma gewwa d-dar matrimonjali. Il-partijiet ftiehmu wkoll li kwalunkwe bilanc mir-rikavat imur kontra s-self mahrug mill-Bank of Valletta p.l.c. L-att finali ta' trasferiment ta' dan l-immobbli huwa skedat li jigi ppubblikat fil-15 ta' Ottubru 2014; il-kumpraturi fil-fatt ottjenew is-*sanction letter* u ghalhekk jidher li ma huwa ser ikun hemm ebda xkiel biex dan it-trasferiment jigi konkluz.

(b) id-dar matrimonjali , ossia, l-penthouse, internament immarkata bin-numru tlieta (3), sitwata fi blokk appartamenti esternament immarkat bin-numru mija u tlettax (113), Triq ir-Ratal, Ibragg; flimkien mal-garage, minghajr numru ufficjali, fil-livell ta' semi-basement, sitwat fi blokk appartamenti esternament immarkat bin-numru mija u tlettax (113), Triq ir-Ratal, Ibragg u l-ghamajjar gewwa l-istess dar matrimonjali; l-istanti jirrileva illi l-intimata ghadha qed tirrifjuta li tottempora ruhha mas-sentenza definittiva tal-Qorti tal-Appell Kriminali tat-28 ta' Frar 2014 fl-ismijiet Il-Pulizija v. C B.

(c) il-vettura tal-ghamla Alfa Romeo 159, bin-numru ta' registrazzjoni 'ANT-166, regolarment misjuqa mir-rikorrenti u dik tal-gharnla Volkswagen Polo, bin-numru ta' registrazzjoni 'MER-715', regolarment misjuqa mill-intimata;

(d) polza ta' assigurazzjoni fuq is-sahha li tkopri kemm lill-kontendenti u kif ukoll lil uliedhom; u zewg poloz ta' assigurazzjoni fuq il-hajja illi l-beneficjarji taghhom huma ulied il-kontendenti.

4. Ghalhekk, una volta jinbiegh l-appartament surriferit, bin-numru tnejn (2), sitwat fi blokk appartamenti esternament immarkat bin-numru mija u tlettax (113), Triq ir-Ratal, Ibragg il-komunjoni tal-akkwisti bejn il-kontendenti ser tikkonsisti biss fid-dar matrimonjali (flimkien mal-garage u l-ghammajjar) surriferiti, il-vetturi, il-poloz fuq imsemmija, u s-self mahrug mill-Bank of Valletta plc (flimkien mal-poloz ta' assigurazzjoni generalment abbinati rna' self bankarju).

5. Fid-dawl tal-premess ghandu jkun inkontestat li ebda parti ma tista' tbati l-pregudizzju kontemplat fl-Art. 55(4) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta; l-istanti dejjem ottempora ruhu ma' kull ordni rnoghti minn din l-Onorabbli Qorti, inkluz dawk relatati mal-hlas ta' retta alimentari versu l-htigijiet ta' martu u ta' uliedu. L-intimata qieghda tabita fid-dar matrimonjali, li hija gravata minn self bankarju li huwa ferm u ferm anqas mill-valur fis-suq taghha; inoltre, tenut kont is-self bankarju, dan l-immobbli ma jistax jigi ulterjorment mghobbi b'pizijiet ohra.

6. L-iskop tal-komunjoni tal-akkwisti bejn il-partijiet illum spicca ghal kollox; hija x-xewqa tal-istanti li dan l-istat ta' fatt jigi sancit legalment permezz ta' sentenza ta' din l-Onorabbli Qorti.

Ghaldaqstant, l-istanti umilment jitlob li din l-Onorabbli Qorti, joghgobha, ai termini tal-Art. 55 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta:

1. tordna l-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-konjugi B; tiddikjara l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-konjugi B spiccuta mill-jum li l-eventwali sentenza taghha tkun finali u konklussiva;

2. tordna li beni li jibqghu formanti l-komunjoni tal-akkwisti jinqasmu mas-sentenza finali ta' din l-Onorabbli Qorti fir-rispett tar-rikors gurarnentat numru 15/13 RGM fl-ismijiet premessi.

3. tordna n-notifika tal-eventwali sentenza taghha lid-Direttur tar-Registru."

Rat ir-risposta tal-konvenuta tas-7 ta' Ottubru 2014 li taqra kif gej:-

"Illi r-rikors de quo m'hu xejn ghajr tentattiv iehor sabiex l-attur jaghmel gwadann mis-sitwazzjoni familjari li holoq l-istess attur;

Illi t-talba tal-attur qed issir fit-termini tal-Art. 55 tal-Kodici Civili (Kap. 16)

- omissis -

Illi l-esponenti topponi ghat-talba tal-attur u dan ghas-segwenti ragunijiet:

(1) Illi fl-ewwel lok, it-talba hi wahda irrita u ma tistax tintlaqa';

(2) Illi fit-tieni lok, minghajr pregudizzju ghall-premess, it-talba hi msejjsa fuq premessi qarrieqa;

(3) Illi fit-tielet lok, dejjem minghajr pregudizzju ghall-premess, kemm-il darba tintlaqa' t-talba, l-esponenti tbati pregudizzju mhux proporzjonat meta mqabbel mat-tgawdija li se jaghmel l-attur;

*Dwar il-fatt li t-talba hi wahda irrita u ma tistax tintlaqa'*

Illi l-ewwel lanjanza tal-esponenti fir-rigward tar-rikors de quo hija wahda ta' natura procedurali;

Illi filwaqt li ssir riferenza ghad-dispozizzjoni tal-ligi appena citata, wiehed jinnota li l-ligi titkellem dwar "talba ta' wiehed jew l-ohra mill-mizzewgin'" liema talba tigi deciza "b'sentenza li minnha kull parti jkollha l-jedd illi tappella minghajr ma jkun hemm ebda htiega ta' permess tal-qorti ghal dan";

Illi wiehed irid iqis li gjaladarba l-prodott ta' din il-procedura huwa sentenza, fil-kaz odjern si tratta ta' azzjoni per se u mhux ta' xi forma ta' digriet interlokutorju. Bhala stat ta' fatt, l-Art. 55(1) juza d-dicitura "talba" li hi l-istess dicitura li tintuza fl-Art. 36 fejn il-legislatur uza t-terminu "talba" ghal kawza ta' separazzjoni:

*Il-firda persona li ma tistax issir hlief b'talba ta' wahda mill-persuni mizzewga flimkien kontra l-ohra, u ghal xi wahda mir-ragunijiet migjubin fl-artikoli li gejjin, jew bil-kunsens ta' xulxin, kif hemm fl-artikolu 59.*[2]

Illi jsegwi ghalhekk li l-procedura taht l-Art. 55 tal-Kap. 16 li tikkostitwixxi talba ma tistax tigi ezercitata b'semplici rikors prezentat fil-mori tal-kawza. Il-legislatur ghazel procedura ohra meta uza' t-terminu "talba" liema talba tinqata' b'sentenza u mhux b'digriet li hu l-mod kif jinqatghu ir-rikorsi. F'dan il-kuntest, wiehed irid iqis id-dispozizzjonijiet tal-Art. 161 tal-Kap.12 li jipprovdi dwar il-procedura ta' kif jingiebu l-azzjonijiet u essenzjalment jipprovdi fis-subartiklu (1) li 1-procediment ordinarju jitmexxa b'rikors li fil-kaz tal-qrati superjuri (bhalma hu dak odjern) ghandu jkun rikors guramentat u kwindi kawza. Il-procedimenti jistghu jitmexxew b'rikors semplici meta l-ligi tipprovdi ghal daqshekk (subartikolu (2)).

Isegwi ghalhekk li sabiex wiehed ikun jista' jmexxi b'rikors, ghandu jkun hemm dispozizzjoni cara u inekwivoka ghal daqshekk;

Illi fil-kaz odjem il-ligi ma taghmel ebda eccezzjoni u kwindi tapplika r-regola ordinarja li tipprovdi li t-talbiet quddiem il-qrati superjuri ghandhom jingiebu b'rikors guramentat, sakemm il-ligi ma tipprovdix xort' ohra, bhalma fil-kaz per ezempju tad-divorzju;

Illi wiehed ma jistax jargumenta li t-talba hi bazata fuq ir-rikors guramentat stess li ta lok ghall-odjerni proceduri ghaliex il-ligi taghna f'kamp civili ma taghtix lok ghall-partizzjoni tal-gudizzju. Huma biss kwistjonijiet diversi normalment preliminari li jistghu jinqatghu b'sentenzi separati (bhar-responsabbilita f'kawza ta' danni jew il-preskrizzjoni jew xi kwistjoni preliminari ohra). Certament ma tistax tinqata' b'sentenza parzjali kwistjoni konsegwenzjali u kwindi l-azzjoni kontemplata taht l-Art. 55 biex timxi ghal rasha kellha tingieb separatament jew almenu kellu jkun hemm talba ghal daqshekk - li fil-kaz odjern ma hemmx;

Illi inoltre, wiehed irid iqis b'mod partikolari l-Art. 55(6) tal-Kap. 16 li jipprovdi car u tond li 1-provvediment ghax-xoljiment tal-komunjoni tal-akkwisti (bhalma qed jintalab fil-kaz odjern) ghandu jinghata jew ''fil-bidu tal-kawza ta' firda" jew altrimenti "meta taghti s-sentenza tal-firda";

Illi a propozitu ta' divorzju, wiehed irid iqis li l-Art. 55 tal-Kap. 16 hu frott l-emendi li saru fil-Kodici Civili ghall-introduzzjoni tad-divorzju u ghalhekk irid jitqies anke fid-dawl ta' (u f'konfront ma') dispozizzjonijiet ohra li saru jew gew emendati bl-istess emendi tad-divorzju. Fil-fatt, id-dicitura tal-Art. 55 tikkuntrasta mad-dicitura adoperata fl-Art. 56(4) u 56A tal-Kap. 16 liema dispozizzjonijiet jaghmlu riferenza ghal provvedimenti li jinghataw mill-Qorti ''f'kull zmien" u "f'kull zmien f'kawza ta' firda" rispettivament. Illi din it-tezi tal-esponenti hi avvallata wkoll (ghad li mhemmx riferenza specifika ghall-Art. 55 kif emendat) mid-Debates tal-Kumitat Permanenti tal-Kamra tad-Deputati ghall-Kunsiderazzjoni tal-Abbozzi u senjatament fis-seduta numru 78 tad-19 ta' Lulju 2011;

Illi fil-kaz tal-Art. 55 tal-Kap. 16, fil-waqt li skond is-subartikolu (1) jirriferi ghal kull waqt tal-kawza, is-subartikolu (6) jirristringi tali ezercizzju gurisdizzjonali u fi ftit kliem jipprovdi li sakemm il-provvediment ma jkunx inghata fil-bidu tal-kawza, dan jithalla ghal tmiem il-kawza;

Illi fil-kaz odjern, l-attur qieghed jippretendi li l-provvediment ghall-qasma tal-komunjoni tal-akkwisti jinghata f'nofs kawza, mhux fil-bidu jew fit-tmiem irid l-Art. 55(6) tal-Kap. 16 u dan il-ligi ma tippermettihx. Irid ukoll li l-provvediment jinghata fuq rikors meta l-ligi titkellem dwar procedura ohra. Ghalhekk it-talba kif dedotta ma tistax tintlaqa'; Illi wkoll l-attur qieghed jaghmel riferenza wkoll ghal xi assi li jibqghu parti mill-komunjoni tal-akkwisti li ghandhom jinqasmu mas-sentenza finali. Dan il-ligi ma tippermettihx ghaliex il-qasma tal-komunjoni tal-akkwisti hi prevista biss fl-Art. 55 tal-Kap. 16 u hi prevista bhala qasma shiha rnhux bicca qasma;

*Dwar il-fatt li t-talba hi msejjsa fuq premessi qarrieqa*

Illi lil hinn mill-kwistjonijiet procedurali, wiehed ghandu jqis il-premessi li fuqhom l-attur qieghed isejjes it-talba tieghu, liema premessi bl-ebda mod ma jiggustifikaw it-talba fil-mori tal-kawza - partikolarment meta l-gbir tal-provi ghadu ghaddej;

Illi mhuwiex veritier dak li nghad mill-attur li l-attur dejjem ottempora ruhu ma' kull ordni moghti minn din l-Onorabbli Qorti inkluz dawk relatati mal-hlas ta' retta alimentari versu l-htigijiet ta' martu u ta' uliedu;

Illi tant hu hekk li b'digriet ta' din l-Onorabbli Qorti tal-15 ta' Ottubru 2013 l-attur gie obbligat sabiex ihallas il-manteniment fl-ghaxar (10) jum ta' kull xahar u dan wara li kien qieghed jitnikker biex ihallas. Minkejja li nghata dan id-digriet, l-attur baqa' ma ottemporax ruhu tant li kellhom isiru diversi kwereli mal-Pulizija li gew mibghuta lill-Ghassa tal-Pulizija ta' San Giljan. Inoltre, waqt is-smiegh tal-kawza quddiem il-Perit Legali Dr Mark Simiana, senjatament fis-seduta tal-erba u ghoxrin (24) ta' Marzu 2014 xehed l-Ispettur Luke Bonello fejn stqarr li l-esponenti ghamlet ghaxar rapporti bejn is-sena 2010 u 2013. Jinghad ukoll li l-istess attur fl-istess seduta ma ddejjaq xejn jivverbalizza li qed jghaddi seduta stante lill-Avukat sottofirmat is-somma ta' €700 rapprezentanti manteniment dovut lil C B ghax-xahar ta' Frar 2014, dan minkejja l-provvediment appena citat;

Illi l-verita hi li l-attur jipprova jaghti l-impressjoni li hu dejjem ottempora ruhu mal-amar tal-Qorti meta l-verita hi ferm 'il boghod minn hekk. Fir-rigward ta' hlasijiet dan ir-rikors ma setax jigi fi zmien aktar sensittiv ghall-esponenti li fil-fatt bhalissa ghaddejja minn sitwazzjoni xejn pjacevoli fejn minhabba l-ghebusija tar-ras tal-attur, spiccat ghal gimghat minghajr

provvista tal-ilma (sar rikors fir-rigward) fil-waqt li sabiex l-attur jaghti l-kunsens tieghu ghal trasferiment ta' meter, l-esponenti kellha toqghod ghal negozju li l-istess attur ikkonkluda wahdu;

Illi ghalhekk mhuwiex floku li wiehed jipprova jaghti impressjoni mhux veritiera lil din l-Onorabbli Qorti daqs li kieku kollox kien miexi harir ghaliex dan hu altru milli verita;

*Dwar il-fatt li kemm-il darba tintlaqa ' t-talba, l-esponenti tbati pregudizzju mhux proporzjonat meta mqabbel mat-tgawdija li se jaghmel l-attur.*

Illi minn dak li rrizulta mill-provi sal-lum, jidher bl-aktar mod lampanti li l-attur qieghed f'relazzjoni adultera u ghalhekk ghandu jbati l-konsegwenzi kommitati fl- Art. 48 tal-Kap. 16;

Illi dan il-fatt tal-aduterju kkonfermatu l-istess siehba tal-attur Judith Galea li xehdet fis-seduta tas-26 ta' Gunju 2014 quddiem il-Perit Legali. Prezentament ghalkemm legalment l-attur ghadu mizzewweg lill-esponenti, Judith Galea qieghda f'relazzjoni stabbli ma' l-attur u ilha f'tali relazzjoni sa minn Gunju tas-sena 2011 fejn sahansitra qeghdin jghixu flimkien. Ghalhekk isegwi li ghandu japplika 1-artikolu sopracitat fejn l-attur ghandu jitlef certu jeddijiet fosthom il-jedd ghal kwart tal-valur tal-beni tal-proprjeta' shiha (Art. 631) kif ukoll il-jedd li jabita fil-post li jkun jintuza bhala residenza principali (Art. 633);

Illi l-esponenti dejjem kienet leali lejn zewgha u kif xehdet in kontro ezami Mary Louise Darmanin - xhud prodotta mill-attur li maghha ghandu parentela - fis-seduta tat-30 ta' Settembru 2014 quddiem il-Perit Legali Dr Mark Simiana, 1-esponenti kienet dejjem "a perfect mother and house wife". L-esponenti kienet fidila f'kull sens u dejjem fdat lil zewgha l-attur sal-punt li halliet f'idejh f'kollox. Hu biss mal-mori tal-kawza li l-esponenti qieghdha tikseb taghrif dwar aspetti essenzjali tal-komunjoni tal-akkwisti;

Illi fil-fatt, dan l-ahhar l-esponenti giet a konjizzjoni tal-fatt li l-attur ghandu kawza pendenti Nru. 2752/MF "A B vs Smart City Malta Ltd (C41194)" quddiem it-Tribunal Industrijali fuq kwistjoni ta' xoghol fejn qed jallega li t-tmiem tieghu mill-impjieg ma' Smart City Malta Ltd kienet wahda ingusta. Din l-Onorabbli Qorti diga kellha l-okkazjoni tisma' lill-istess attur jistqarr li l-paga tieghu hi wahda elevata u kwindi wiehed jistenna li l-kumpens ma jkunx xi wiehed irrizorju. Kemm-il darba jinghata dan il-kumpens ikun jirreferi ghal impjieg li 1-attur

kellu fil-kors taz-zwieg tieghu mal-esponenti. Fid-dawl ta' dan it-taghrif, hu ragjonevoli li wiehed iqis li t-talba tal-attur ghat-tmiem tal-komunjoni tal-akkwisti hi intiza sabiex jekk huwa jippercepixxi il-kumpens li qieghed jippretendi, 1-esponenti ma jkollha l-ebda dritt fuq din is-somma;

Illi l-fatt li l-attur mexxa l-kawza kontra dak li kien il-principal tieghu wahdu u 1-esponenti mhijiex parti mill-kawza xejn ma jnaqqas mid-dritt tal-esponenti li tippartecipa f'dak li l-attur talvolta jippercepixxi. Fuq kollox, azzjoni tal-impjegat kontra min jimpjegah ghal kumpens taht il-ligi tal-impjiegi mhuwiex att ta' amministrazzjoni straordinarja ghall-ghanijiet tal-Art. 1322(3) tal-Kap. 16 u kwindi l-konjugi milqut jista' jmexxiha wahdu;'

Illi hu car li anke minhabba dan biss, l-esponenti se tigi pregudikata b'mod sproporzjonat kemm-il darba tintlaqa' t-talba ghall-waqfien tal-komunjoni qabel is-sentenza tal-firda partikolarment meta tqis il-process ta' gbir ta' provi ghadu ghaddej.

Illi f'dan ir-rigward, l-attur elenka fir-rikors tieghu dak li skond hu jikkostitwixxi 1-komunjoni tal-akkwisti. Imma mhuwiex dan demanju ta' din l-Onorabbli Qorti? Huwa accettabbli li wiehed jaghmel elenku u jippretendi li dak li qieghed jghid huwa l-istampa shiha? Kieku kien hekk, mhemmx htiega ta' kawzi. Huwa minnu li l-attur ressaq u ghalaq il-provi tieghu izda huwa fatt ukoll li jezisti l-principju kardinali tal-*audi alteram parte* u l-esponenti ghandha jedd li tressaq il-provi taghha - kif qed taghmel b'mod diligenti quddiem il-perit legali. Hu car li dak li qabillu l-attur ma elenkahx bhalma ma elenkax il-pretensjoni suriferita li ghandu kontra Smart City;

Illi minkejja dak kollu li qieghed jinghad sal-lum ghadu mhux stabbilit b'mod indipendenti l-valur tal-immobbli. Lanqas mhu stabbilit il-valur tal-mobbli inkluz vetturi (salv ghal stima li nghatat mill-attur personalment). Imiss lill-esponenti issa li tressaq il-provi taghha dwar valuri u dwar aspetti ohra tal-komunjoni tal-akkwisti;

Illi fir-rigward tal-vettura tieghu li hi stmata mill-istess attur li tiswa' €13,000, 1-attur diga intima lill-esponenti li hu behsiebu jbieghha - qieghed jghid li bir-rikavat irid jixtri karozza ghall-ulied tal-kontendenti. Gest rimarkabbli imma mghandix forsi sehem mill-istess vettura l-esponenti? Naturalment jekk din il-vettura tinbiegh l-attur xorta se jibqaghlu sehem mill-vettura li tuza l-esponenti u dan ikollu jedd jesigih. U a propozitu ta' vetturi, wiehed jassumi li kemm-il darba l-attur ibiegh il-vettura tieghu Alfa Romeo 159 se jmur jakkwista xi haga

ahjar u superjuri. U l-flus minn x'imkien iridu jigu stante li kif xehdet ir-rapprezentanta tal-principal tal-attur Amy Mifsud, HR Manager tas-socjeta' Alberta Fire & Security Ltd fis-seduta tas-26 ta' Gunju 2014 mizmuma quddiem il-Perit Legali, l-attur hu biss intitolat ghal *car allowance* u mhux ghal karozza. Mistoqsija in kontro-ezami mill-patrocinanti tal-attur, ix-xhud qalet li *petrol, insurance*, u manutenzjoni tal-vettura ta' l-impjegat huma a karigu ta' l-impjegat, li jithallas biss car *allowance* mill-kumpanija.

Illi minbarra li jezistu affarijiet li l-esponenti ghadha qed issir taf bihom - bhalma fil-kaz tal-kawza li l-attur ghandu kontra Smart City, hemm ukoll indizji ohra li juru li l-attur jista' jkun ghandu assi ohra li ghadhom ma rrizultawx mill-provi u f'dan is-sens hu car li din it-talba qed issir sabiex tintemm il-komunjoni tal-akkwisti a skapitu tal-esponenti u l-kawza tigi kwazi kwazi frivola ghaliex il-komunjoni tal-akkwisti tkun giet xjolta u dak li jifdal x'jigi deciz ikun ftit jew wisq akkademiku;

Illi fuq kollox a bazi tal-Art. 48 tal-Kap. 16 u disposizzjonijiet konnessi jista' jkun li fil-qasma tal-komunjoni tal-akkwisti jkunu jridu jittiehdu mizuri li jmorru lil hinn minn semplici divizjoni aritmetika. Certament mhuwiex floku li l-qasma tal-komunjoni tal-akkwisti ssir f’dan l-istadju;

Illi ghalhekk fl-umli fehma tal-esponenti, it-talba tal-attur sabiex jigi ordnat il-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-konjugi B, jigi ddikjarat li l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-konjugi B jispicca mill-jum li 1-eventwali sentenza tkun finali u konkluziva, u jigi ordnat li l-beni li jibqghu formanti l-komunjoni tal-akkwisti jinqasmu mas-sentenza finali ta' din 1-Onorabbli Qorti fir-rispett tar-rikors guramentat 15/13 RGM ghandha tigi michuda, bl-ispejjez.

Semghat it-trattazzjoni tal-Avukati tal-partijiet fl-udjenza tat-28 ta’ Ottubru 2014.

Rat l-atti.

Rat li r-rikors thalla ghas-sentenza.

Ikkonsidrat.

**Il-Ligi**.

L-artikolu rilevanti ghat-talba in dizamina huwa l-**artikolu 55 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta** li jipprovdi illi:-

*"(1) Il-qorti tista', f'kull żmien matul is-smigħ tal-kawża ta' firda, fuq talba ta' wieħed jew l-oħra mill-miżżewġin, tordna l-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti jew tal-komunjoni ta' residwu taħt amministrazzjoni separata li teżisti bejn il-miżżewġin.*

*(2) L-ordni tal-waqfien tal-komunjoni kif imsemmi fis-subartikolu (1) għandha tingħata b'sentenza li minnha kull parti jkollha l-jedd illi tappella mingħajr ma jkun hemm ebda ħtieġa ta' permess tal-qorti għal dan.*

*(3) L-ordni ta' waqfien tkun tgħodd bejn il-miżżewġin minn dakinhar tas-sentenza tal-appell jew, jekk ma jsirx appell, minn dakinhar illi jgħaddi ż-żmien imħolli għall-appell, u tibqa' tgħodd ukoll jekk il-kawża ta' firda ma titkompliex.*

*(4) Qabel tordna l-waqfien tal-komunjoni kif provdut f'dan l-artikolu, il-qorti għandha tqis jekk xi parti tkunx sejra tbati preġudizzju mhux proporzjonat bil-waqfien tal-komunjoni qabel is-sentenza tal-firda.*

*(5) L-ordni ta' waqfien taħt dan l-artikolu għandha, a spejjeż tal-parti li tkun talbet dak il-waqfien, tkun notifikata lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku u dik l-ordni għandu jkollha effett daqs li kieku l-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti jew tal-komunjoni ta' residwu taħt amministrazzjoni separata sar b'att pubbliku.*

*(6) Sakemm il-qorti, fid-diskrezzjoni tagħha, fuq it-talba ta' waħda mill-partijiet, ma tkunx ordnat il-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti jew tal-komunjoni ta' residwu taħt amministrazzjoni separata li teżisti bejn il-partijiet fil-bidu tal-kawża ta' firda, meta tagħti s-sentenza tal-firda, il-qorti għandha tordna li l-komunjoni tal-akkwisti jew il-komunjoni ta'*

*residwu taħt amministrazzjoni separata li jkun hemm bejn il-partijiet tispiċċa mill-jum li fih is-sentenza tkun finali u konkluživa.*

*(7) Il-qorti tista’ iżda, meta fil-fehma tagħha ċ-ċirkostanzi hekk jehtieġu, tordna li beni li jkunu parti mill-komunjoni ma jinqasmux qabel ma jgħaddi dak iż-żmien wara li tispiċċa l-komunjoni li tista’ fl-ordni tistabbilixxi.*

*(8) Kull ordni mogħti mill-qorti skont is-subartikolu (7), jista’, għal raġuni tajba, jinbidel jew ikun revokat mill-qorti.”*

**L-Eccezzjonijiet tal-Konvenuta ghar-rikors tal-Attur.**

Fl-**ewwel eccezzjoni** taghha l-konvenuta tikkontendi li l-procedura adoperata mir-rikorrent hija irritwali ghaliex issotni illi l-att promotur kontemplat mil-ligi li permezz tieghu parti f’kawza tista’ tressaq talba ai termini tal-Artikolu 55 tal-Kap 16 ma hux ir-rikors semplici izda r-rikors guramentat regolat bl-artikolu 161 tal-Kap. 12 .

Ikkunsidrat.

L-Artikolu 55 tal-Kap. 16 jipprovdi illi l-mizzewgin li jkunu ghaddejjin minn kawza ta’ separazzjoni jew divorzju jistghu iressqu “talba” “f’kull zmien matul is-smiegh tal-kawza” sabiex il-Qorti “tordna l-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti …..”.

Fil-fehma tal-Qorti, l-eccezzjoni tal-konvenuta illi tali talba ghandha, *ad validitatem*, titressaq bil-mezz ta’ rikors guramentat m’ghandiex fondament legali. Dan ghaliex qari shih tal-Artikolu 55 ghandu jkun bizzejjed sabiex wiehed facilment jifhem illi ma kienx il-hsieb tal-Legislatur li tali talba ssir bil-mezz ta’ kawza ohra kif donnha qed tikkontendi l-konvenuta meta tghid li tali talba tista’ biss titressaq bil-mezz ta’ rikors guramentat. Is-sub-inciz 2 tal-Artikolu 55 jipprovdi illi mis-sentenza li tippronunzja l-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti fil-mori ta’ kawza ta’ separazzjoni/divorzju il-partijiet jistghu jappellaw minghajr il-htiega ta’ permess minghand il-Qorti. Ifisser illi l-hsieb tal-Legislatur kien li tali sentenza tkun ‘sentenza in parte’ fl-istess proceduri u mhux sentenza finali f’kawza distinta. Din il-konkluzjoni hija msahha minn dak li jipprovdi s-sub-inciz 3 li jipprovdi illi sentenza hekk

moghtija "tibqa' tghodd ukoll jekk il-kawza ta' firda ma titkompliex". Kieku l-Legislatur ried li t-talba ghat-terminazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti fil-mori ta' kawza ta' separazzjoni/divorzju tkun imressqa b'rikors guramentat separat, dik il-parti tas-sub inciz 3 appena citata ma taghmilx sens.

Ghaldaqstant il-Qorti qed tichad l-eccezzjoni tal-irritwalita' imressqa mill-konvenuta dwar ir-rikors tal-attur tad-19 ta' Settembru 2014.

Fit-**tieni eccezzjoni** taghha l-konvenuta teccepixxi illi ma kienx possibbli ghall-attur illi jipprezenta tali talba meta l-maggor parti tal-provi tieghu gia' tresqu filwaqt li l-konvenuta jonqosha provi xi tressaq. Issostni l-konvenuta illi tali talba tista' biss issir "fil-bidu tal-kawza ta' firda". Altrimenti x-xoljiment tal-komunjoni jista' biss jigi pronunzjat mas-sentenza tal-firda. Il-konvenuta issejjes din id-difiza minhabba li s-sub-inciz 6 tal-Artikolu 55 jipprovdi illi sakemm il-Qorti ma tkunx ordnat il-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti "fil-bidu tal-kawza ta' firda", meta taghti s-sentenza finali tal-firda l-Qorti ghandha wkoll tordna li l-komunjoni tal-akkwisti "tispicca mill-jum li fih is-sentenza tkun finali u konkluziva."

Ikkunsidrat.

Huwa principju ta' dritt kostantement segwit mill-Qrati taghna illi: Ubi Lex Voluit Dixit.

"*Illi huwa principju baziku li l-ebda kliem fil-ligi ma ghandu jigi skartat, u dan billi ghandu jigi prezunt li l-kliem uzat fil-ligi jirrifletti l-intenzjoni tal-legislatur;* (Prim' Awla - **Adrian Delia noe vs European Insurance Group Limited** : 04.02.2013)

*"Issa li kieku l-legislatur ried jipprovdi xort' ohra dan seta' jaghmlu liberament imma ma ghamlux – u allura ghandu kwindi japplika u jregi l-principju li ubi lex voluit dixit."* (Qorti Kostituzzjoniali: **AIC Joseph Barbara et vs Onor. Prim' Ministru :** 17.10.2007) (Ara wkoll: Qorti tal-Appell: **Frank Fenech vs Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud** : 28.09.2012; Qorti tal-Appell: **Jean Pierre sive Jean Borg vs Nicole Borg** : 30.11.2012; Prim' Awla: **Patricia Apap Bologna vs Raphael Bianchi**)

Gie wkoll deciz illi l-interpretazzjoni tal-ligijiet ghandha dejjem tkun marbuta mal-finalita' taghha. "M'ghandiex tigi interpretata b'mod assurd u bla sens u lanqas b'mod li taghti lok ghall-vessazzjoni bla raguni b'applikazzjoni letterali li qatt ma setghat kienet fil-hsieb tal-legislatur." ( Prim' Awla - **Carmel Zammit vs Anthony Sultana** – 31.01.1994)

Regola ohra segwita mill-Qrati fl-ambitu ta' interpretazzjoni ta' ligijiet hi illi:

"Kwantu ghall-valur tal-konswetudini bhala element interpretattiv tal-ligi, din hi massima komuni, minn zminijiet antiki ripetutament espressa minn awturi u gudikanti; s'intendi, meta l-ligi toffri xi dubju; ghaliex meta l-kliem tal-ligi jkunu cari ma hemmx lok ghall-interpretazzjoni u ghar-rikors ghall-konswetudini; s'intendi wkoll li din l-osservanza jew konswetudini ikun mhux xi att izolat, imma ghal zmien diskretament twil li fih tigi ripetuta, u li tkun univoka, u li tkun "rite probata". (Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri – **Albert Mizzi noe. Vs Anthony Camilleri noe**. – 03.06.1961).

Applikati dawn il-principji ghall-kwistjoni in dizamina, hi l-fehma ta' din il-Qorti illi l-uzu tal-kliem "fil-bidu" fis-sub-inciz 6 ma jinnewtralizzax dak li huwa provdut bl-aktar mod car fis-sub-inciz numru 1. Il-frazi "f'kull zmien matul is-smiegh tal-kawza ta' firda" turi b'mod inekwivoku l-intenzjoni tal-Legislatur meta introduca dan id-dritt lill-partijiet litiganti fi proceduri ta' separazzjoni/divorzju u cioe' illi tali talba tista' titressaq ghall-konsiderazzjoni tal-Qorti proprju f'kull zmien matul is-smiegh tal-kawza. Is-sub-inciz numru 6 huwa subordinat ghas-sub-inciz numru 1 f'dan ir-rigward peress li filwaqt li s-sub-inciz numru 1 qed jipprovdi specifikatament dwar meta fil-kors ta' kawza tali talba tista' titressaq, s-sub-inciz numru 6 qed jipprovdi dwar dawk il-kazijiet fejn il-Qorti tkun waslet biex taghti d-decizjoni finali taghha dwar il-firda personali u ma tkunx fil-kors tal-kawza tat sentenza ai termini tal-Artikolu 55 tal-Kap 16.

Ghal dawn il-motivi din it-tieni eccezzjoni qed tigi respinta.

Fit-**tielet eccezzjoni** taghha l-konvenuta qed issostni li t-talba tal-attur hi msejsa "fuq premessi qarrieqa". Tirrileva illi filwaqt li l-attur jaghti l-impressjoni li huwa dejjem ottempera ruhu mad-digrieti tal-Qorti, il-fatti juru mod iehor. Issemmi b'mod partikolari id-dewmien da parti tal-attur sabiex ihallas il-manteniment pendente lite li gie ordnat mill-Qorti jhallas.

Il-Qorti mhiex ser tiddilunga ruhha bosta dwar din l-eccezzjoni tenut kont tal-fatt illi fl-udjenza tat-28 ta' Ottubru 2014 il-partijiet lahqu ftehim illi minn dak il-jum 'il quddiem "il-manteniment jibda jithallas lill-konvenuta bi standing order fl-10 ta' kull xahar skond id-digriet *pendente lite*".

Permezz tar-**raba' eccezzjoni** taghha l-konvenuta qed tilqa' ghar-rikors tal-attur billi tikkontendi illi kemm-il darba t-talba tintlaqa', hija ser tbati "pregudizzju mhux proporzjonat meta mqabbel mat-tgawdija li se jaghmel l-attur".

B'sentenza moghtija fit-28 ta' Marzu 2014 fil-kawza **Daniela Mizzi vs Duncan Peter Mizzi** l-Onorabbli Qorti tal-Appell iddikjarat illi:-

**"**In tema legali jinghad illi l-Artikolu 55 tal-Kap. 16 li fuqha hija bbazata t-talba attrici, jaghti l-fakolta' lil parti jew ohra li "f'kull zmien: matul is-smiegh tal-kawza ta' firda titlob il-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti jew tal-komunjoni tar-residwu taht amministrazzjoni separata li tkun tezisti bejn il-konjugi…….t-talba ghall-waqfien m'ghandiex tinghata jekk parti tkun ser issofri "pregudizzju mhux proporzjonat" . Inoltre, l-oneru tal-prova ta' dan ir-rekwizit jirrisjedi fuq min qed jallegah, skont il-principju *incumbit ei qui dicit non ei qui negat*."

Fil-kawza appena citata il-Qorti tal-Appell ikkonfermat decizzjoni moghtija mill-Qorti tal-Familja fejn qieset li l-intimat ma kienx ser isofri pregudizzju mhux proporzjonat bit-terminazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti fil-mori tal-kawza. Ghall-kuntrarju, gie kkonsidrat mill-Qorti tal-Appell li t-terminazzjoni tal-komunjoni kien ser igib beneficcju inkwantu jevita li xi parti jew ohra taghmel xi dejn li 'l quddiem ikun jista' jigi imputat lill-komunjoni.

Is-sub-inciz 4 tal-artikolu 55 fuq citat jistipula li qabel tordna l-waqfien tal-komunjoni ta' konjugi, l-Qorti ghandha tevalwa jekk xi parti tkunx sejra tbati pregudizzju mhux proporzjonat bil-fatt ta' tali waqfien waqt il-kawza.

Skond il-konvenuta, il-pregudizzju mhux proporzjonat li ser issofri fl-eventwalita' li l-Qorti tordna x-xoljiment tal-komunjoni tal-akkwisti f'dan l-istadju huwa li jekk sussegwentement l-attur jigi moghti kumpens finanzjarju b'konsegwenza tat-terminazzjoni tal-impieg tieghu minn ma' Smart City Malta Ltd., fil-prezent suggett ta' kawza pendenti quddiem it-Tribunal

Industrijali, jkun ifisser illi l-konvenuta ma jkolliex dritt ghan-nofs tali kumpens, ossia tali kumpens ma jidholx fl-assi tal-komunjoni tal-akkwisti sa issa ezistenti bejn il-partijiet.

Fil-fehma tal-Qorti tali ragjunament m'ghandux fondament legali. Il-Qorti mhiex ser tippronunzja ruhha dwar jekk tali kumpens eventwali jkunx jaghmel parti mill-komunjoni tal-akkwisti jew le. Tali pronunzjament jinghata fis-sentenza finali ta' din il-kawza jekk ikun hekk mehtieg. Bl-istess ragjunament tal-konvenuta, il-kawza odjerna m'ghandiex tinqata' qabel ma jkun deciz il-kaz li l-attur ghandu pendenti quddiem it-Tribunal Industrijali. Fil-fehma tal-Qorti tali ragjumanent m'ghandux fondament legali.

Il-Qorti ma tqisx id-dhul futur ta' xi hadd mill-konjugi bhala raguni ghaliex il-partijiet ghandhom jibqghu marbutin bir-regim tal-komunjoni tal-akkwisti.

Tilmenta wkoll il-konvenuta illi jekk ir-regim tal-komunjoni tal-akkwisti jigi terminat hemm ir-riskju illi xi vetturi jinbieghu lil terzi.

Lanqas din il-lanjanza fil-fehma tal-Qorti ma tikwalifika bhala "pregudizzju mhux proporzjonat". Jekk il-konvenuta ghandha xi biza' li jsehh dak minnha ilmentat, hija ghandha ghad-disposizzjoni taghha l-mandati kawtelatorji opportuni biex tikkawtela tali pretensjoni.

Fl-ahharnett il-konvenuta tilmenta illi jista' jkun li fil-qasma tal-assi tal-komunjoni tal-akkwisti "jkunu jridu jittiehdu mizuri li jmorru lil hinn minn semplici divizjoni aritmetika.". Ittemm l-esposizzjoni tal-ahhar ilment taghha billi tghid illi: ".... Mhuwiex floku li l-qasma tal-komunjoni tal-akkwisti ssir f'dan l-istadju".

Anke dan l-ahhar ilment m'ghandux fondament legali.

Bl-emenda ghall-Artikolu 55 tal-Kap. 16 permezz tal-Att XIV tas-sena 2011, gie moghti lill-Qorti is-setgha li fil-mori ta' kawza ghal separazzjoni, illum anke ta' divorzju, il-Qorti tista' "tordna l-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti". Appena huwa necessarju jinghad illi "waqfien" tal-komunjoni tal-akkwisti ma jinkludiex ukoll "likwidazzjoni" jew "divizjoni" tal-

komunjoni tal-akkwisti. Ghaldaqstant dan l-ilment tal-konvenuta jirrizulta li huwa kompletament infondat fid-dritt.

Peress illi l-konvenuta ma rnexxiliex tipprova illi bic-cessazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti f'dan l-istadju ser tbati "pregudizzju mhux proporzjonat", ir-rikors de quo jimmerita li jigi akkolt.

**Decide**.

Ghal dawn il-motivi, filwaqt li tichad u tirrespingi l-eccezzjonijiet u l-opposizzjoni imressqa mill-konvenuta permezz tar-risposta taghha tas-7 ta' Ottubru 2014,

1. Tilqa' t-talba u bis-sahha tal-Artikolu 55 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta tordna l-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti ta' bejn il-partijiet mill-jum li fih din is-sentenza tkun finali u konklusiva.

2. Tordna li kopja ta' din is-sentenza tkun notifikata lid-Direttur tar-Registru Pubbliku a kariku tal-attur.

Minhabba n-novita' ta' diversi aspetti tal-vertenza hawn deciza, il-Qorti tordna li l-ispejjez relatati ma' din is-sentenza jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------